**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-10 ta' Marzu, 2020**

**SENTENZA DWAR L-ECCEZZJONI TAL-PRESKRIZZJONI**

**Talba Numru: 532/2018 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 37**

**Charles Pisani (K.I. 554734M)**

**ghan-nom ta' J&C Pisani Limited ( C2300)**

**28, Triq Gorg Borg Olivier**

**Sliema**

**Vs**

**Suda Entertainments Limited (C43427)**

**bhala operator ta' Pepenero (Heat) U Heat Lounge Bar**

**Vault 16 Pinto Wharf**

**Waterfront**

**Valletta**

It-Tribunal,

Din hija sentenza dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta ai termini tal-Artikolu 2148(b) Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li hija preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar.

L-attur noe qed jaghmel t-talba ghal hlas dovuta kwantu ghal prodotti fornuta ghall-istabbiliment maghruf Pepenero (Heat) u Heat Lounge Bar li skont Dok A u Dok B fol 4 et prezentat mis-socjeta' attrici huma dovuti rigwardanti invoices li hargu bejn Mejju 2011 sa Awwissu 2011.

Fir-risposta taghha s-socjeta' konvenuta minhabba l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2148(b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta (fol 14) qed teccepixxi wkoll li l-ammont pretiz mhux dovut.

Fl-affidvit tieghu Noel Pisani, General Manager tas-socjeta' attrici a fol 19 jghid li dawn kienu konsenja ta' diversi prodotti tal-ikel u li t-trattativi kienu diversi sabiex isir dan il-hlas tant li fil-bidu tas-sena 2016 il-partijiet kienu waslu fi ftehim dwar kif kellu jsir dan il-hlas izda s-socjeta' konvenuta m'onoratx dan il-ftehim u fis-06 ta' April 2017 kien sar meeting gewwa Pepenero il-Waterfront fejn il-partijiet kienu ftehmu fuq payment schedule iehor izda s-socjeta' konvenuta xorta m'onoratx dan il-ftehim. L-ittra ufficjali ntbaghtet fit-23 ta' April 2018 u riferta dwar meta giet notifikata s-socjeta' konvenuta ma tirrizultax fil-process.

A fol 26 Ian Pisani Head of Finance mas-socjeta' attrici mis-sena 2016 jghid li huwa jaf b'dawn it-tentattivi sabiex isir il-hlas da parti tas-socjeta' konvenuta fejn huma rrikonoxxew id-debitu izda baqghu ma halsux.

Il-kawza giet prezentata fit-13 ta' Novembru 2018 .

<u>Konsiderazzjonijiet</u>

L-Artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili jghid li l-azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija oggetti jew hwejjeg ohra mobbli mibjugha bl-imnut jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax-il xahar.

L-Artikolu 2137 tal-istess Kodici jghid li l-prezzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista tigi ezercitata; minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.

L-Artikolu 2133 tal-Kodici Civili jghid li l-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jew il-pussessur jaghraf il-jedd tal-parti li kontra taghha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja.

L-interruzzjoni ai termini tal-Artikolu 2128 tal-Kodici Civili ssir jew billi l-attur jiddemostra dan permezz ta' xi att gudizzjarju jew billi juri ghas-sodisfazzjoni tat-Tribunal li b'certa attitudni tieghu l-konvenut debitur qieghed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li jirrendi nkompatibbli l-posizzjoni guridika tieghu mal-presunzjoni kostitwenti l-bazi tal-preskrizzjoni. F'dan il-kuntest huma annoverati s-sitwazzjonijiet previsti mill-Artikoli 2133 u 2134 tal-Kodici Civili. Jinsab precizat ukoll kemm fid-duttrina legali kif ukoll fil-gurisprudenza illi dan ir-rikonoxximent tad-dritt ghal fini tal-interuzzjoni tal-preskrizzjoni hu konfigurabbli fir-rekwiziti tal-volontarjeta tal-konsapevolezza tal-inekwivocita' dejjem b'mod esterjorizzat. Rekwiziti dawn li hu necessarju li jikkoezistu flimkien fl-istess att. Appell Inf sentenza tad-09 ta' Frar 2005 fl-ismijiet: Austin Psaila vs Lother Slabick.

"Inoltre jibqa dejjem imperattiv li l-prova dwar dawn l-istess rekwiziti trid issir mill-attur billi huwa dan li jkun qed jikkontrasta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-kontroparti. Zgur li mhux mistenni li din il-prova ssir mill-Qorti mit-Tribunal li, anzi, ghandu l-kompitu li jiddeciedi "*iuxta allegata et probate*". Tajjeb li hawn jigi mfakkar illi, kif drabi ohra deciz, "jekk dwar din l-interruzzjoni hemm konflitt ta' provi allura l-konsegwenza m'hijiex li ghandha tigi michuda l-preskrizzjoni , imma dik kuntrarja, li ghandha tigi akkolta, peress li l-posizzjoni guridika tkun li mentri jkun fatt li ghadda t-terminu tal-preskrizzjoni jkun ugwalment fatt li l-attur ma ssodisfax lill-Qorti li kien hemm interruzzjoni (Kollez Vol XXX P I p 989). Ghaldaqstant dak li hu important hu li r-rikonoxximent allegat mill-attur ikun car u esplicitu (Kollaz Vol XXXVIII P III p 723).

Meta tinghata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jigi rilevat li ma jkunx ifisser li l-azzjoni attrici ma tkunx gustifikata fit-talba imma li min jipproponi l-kawza ikun iddekadielu t-terminu tieghu sabiex jipprezenta l-agguzjoni relattiv sabiex dan ikun jista jkollu kanonizzazzjoni

tal-kreditu tighu minn l-awtorita' gudizzjarja. (Appell Inf per Imh Sciberra Mario Azzopardi vs Repro House Company Limited deciz 15 ta' Novembru 2006).

Illi huwa att civili interruttiv tal-preskrizzjoni r-rikonoxximent tad-dritt tal-kreditur (Carmelo Cauchi vs Joseph Camilleri Prim Awla 14 ta' Gunju 1955. Inoltre kif pacifikament ritenut "ir-rikonjizzjoni tad-dejn tista tkun anke prezenta jew indiretta; u skont Pugliese '*puo essere dedotta da fatti concludenti incompatibili colla volonta di contestare l'esistenza o l'energia attuale del diritto altrui* (Prescrizione Acquisitiva para 277). Di piu lanqas hemm bzonn li r-rikonjizzjoni tkun ghal kwantita' kollha dovuta (Fadda "*Giurisprudenza Codice Civile Italiano Art. 2129 para 46*)" – Alfred Borg vs Carmelo Brincat et Prim Awla 05 ta' Gunju 1959.

Illi mill-provi jirrizulta li fol 21 meta lil certu Claude Paris tas-socjeta' konvenuta intalab fis-06 ta' April 2017 sabiex jibghat l-email address tieghu dwar '*what we agreed this afternoon*', l-istess Paris ma staqsiex jew kkontestax xi ftehim sar izda qallu pront '*sure*' u baghtlu l-email address; u fit-23 ta' mejju 2017 is-socjeta' attrici kitbet lill-istess Claude tfakkru fil-ftehim li kien sar dwar dan il-pagament u meta fis-27 ta' Ottubru 2017 fol 23 l-istess socjeta' talbitu jghidilha meta ser ikun *available* sabiex jitkelmu dwar l-'*outstanding dues*' l-istess Claude ma kkontestax dan il-ftehim izda qallu li ser jikkuntattjah il-gimgha d-diehla u anke wara qallu '*always grateful for your patience .. will meet next week thank you*".

Illi tali e-mails ma gewx kontestati mis-socjeta' konvenuta li baqa' jinsisti li ma kienx hemm accettazzjoni tal-kreditu.

Izda dan it-Tribunal ma jahsibhiex l-istess u kif gie ritentut mill-Appell Civili fil-kawza Paroco Sac. Francesco Saveio Mifsud vs Nicola Decelis deciz 28 ta' Frar 1921, r-rigett tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni presuntiva tissussti ghal kaz fejn id-debitur ikun irrikonoxxa anke b'mod implicitu jew indirett li l-obbligazzjoni mhix estinta, u li ghalhekk tali eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta ma tistax tintlaqa tenut kont li l-istess socjeta' qatt ma cahdet li sar dan il-ftehim mal-istess socjeta' attrici.

Għaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad l-eċċezzjoni dwar l-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2148(b) tal-Kodiċi Ċivili tas-soċjeta' konvenuta u jordna l-prosegwiment tal-kawża.

Spejjeż fis-sentenza finali.

**Dr Anna Mallia**

**Ġudikatur**